MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 412/2006

Anna Maria Abela
vs
Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi hija kienet it-tifla ta’ Maria sive Mary Dear, illum mejta, li kelha n-numru tal-Karta tal-Identita` 470914(m), kif kien jidher minn kopja tal-Karta tal-Identita` taghha annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok “A”.

2. Illi l-imsemmija Maria sive Mary Dear, omm ir-rikorrenti, kienet mietet fl-isptar San Luqa nhar il-5 (hamsa) ta’ Frar 2006 (elfejn u sitta) u dana kif kien jidher minn kopja tac-certifikat rilaxxat mill-Isptar San Luqa, minn kopja tac-Certifikat tal-Mewt rilaxxat mill-Parrocca

tal-Isla, u kif ukoll minn santa tal-mewt taghha, liema dokumenti kienu qed jigu annessi mar-rikors u mmarkati bhala Dok “B”, “C” u “D”.

3. Illi fl-Att tal-Mewt ta’ Maria sive Mary Dear, omm ir-rikorrenti, li kien igib in-numru sitt mija u sebghin tas-sena elfejn u sitta (670/2006), anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok “E”, fil-kolonna intestata “Kagun, lok u hin tal-mewt, u lok tad-dfin” kien sar zball minhabba li d-data tal-mewt ta’ Maria sive Mary Dear kienet giet erronjament indikata bhala “Fri. 03 February 2006”, mentri korrettement id-data kellha tkun “Sun. 05 February 2006”, kif kien jidher minn Dok “B”, “C” u “D”.

4. Illi r-rikorrenti kellha interess li ssir id-debita korrezzjoni.

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tordna lill-intimat sabiex jikkoregi c-certifikat tal-mewt minnu mahrug, bin-numru sitt mija u sebghin tas-sena elfejn u sitta (670/2006), liema certifikat jirreferi ghall-mewt ta’ Maria sive Mary Dear, fis-sens li fil-kolonna intestata “Kagun, lok u hin tal-mewt, u lok tad-dfin” id-data “Fri. 03 February 2006” tigi kancellata u sostitwita bid-data “Sun. 05 February 2006”.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta tal-intimat li biha espona:

1. Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma kienx qed joggezzjona ghat-talba dedotta fir-rikors guramentat tar-rikorrenti.

2. Illi kellha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tal-Mewt ta' Maria Dear ma kienx attribwibbli ghal xi nuqqas tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghaldaqstant ma kellux jigi soggett ghall-ispejjez tar-rikors odjern stante li ma kien jirrizulta li sar ebda zball min-naha tieghu. Fil-fatt id-dikjarant fuq l-Att tal-Mewt in kwistjoni kienet certu Lucia Dear nee` Grima li kellha l-karta tal-identita` numru 299356M kienet obbligata li taghti d-dettalji precizi u tivverifika li l-informazzjoni li ddikjarat u ffirmat ghaliha kienet korretta.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-intimat.

Rat li fis-seduta tal-lum Dr. Roma D'Alessandro rtirat it-tieni eccezzjoni.

Illi r-rikorrenti ma gabitx provi sufficjenti li juru li kien l-intimat li responsabbli ghall-izball li ttiehed. Irrizulta li hemm il-firma ta' Lucia Dear nee` Grima fuq l-Att imsemmi u dan iwassal ghar-responsabbilta` taghha ghall-izball imsemmi.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghha u qed tordna lill-intimat sabiex jikkoregi c-certifikat tal-mewt minnu mahrug, bin-numru

sitt mija u sebghin tas-sena elfejn u sitta (670/2006), liema certifikat jirreferi ghall-mewt ta’ Maria sive Mary Dear, fis-sens li fil-kolonna intestata “Kagun, lok u hin tal-mewt, u lok tad-dfin” id-data “Fri. 03 February 2006” tigi kancellata u sostitwita bid-data “Sun. 05 February 2006”.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------